# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**66.** **4 ta' DICEMBRU 1909.** **IT-TIENI SENA**


FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-itt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena b'xejn; min ijsieħbu jsehu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand il Fotografu VELLA u għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, it-tnejn fi Strada Rjali ta'l Belt; fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# L-AHBAR HAZINA.

Niħem li ġa smajtu li fuk it-tisŭija ta'l Costituzzjoni il Ministru bagħat Dispaċċ li inkara f'il Ftuħ ta'l Cunsill il gimgħa li ħarget. Għal min ma jafx x'fiħ irrid ingħarrfu illi il Ministru tana li tnejn m'il Cunsilieri ta'l Poplu jidħlu fl-Esecuttiv biex ijcunu jistgħu jafu il Gvern x'inhu jħaŭŭad f'il borma; u li daŭna iż-żeŭġ Cunsilieri jistgħu jivvotaŭ favur jeŭ contra tiegħu scond il fehma tagħhom. Din hi biċċa gid cbira tasseŭ għalina u talli kalgħuha il Cunsilieri li għandna ħak-khom cull tifħir; iżda ma hix b'iż-żejjed biex incunu nistgħu ingħidu li għandna Costituzzjoni chif tistħokkilna.

Fuk il maġġjoranza ta'l Cunsill Legislattiv il Ministru kal li scond il pariri li taŭh s'issa ma hux bi ħsieba jatihielna.

Għalhecc kamet il qŭestjoni jecc il Cunsilieri ŭara dina it-tŭiegiba ħażina għandhomx jibkgħu f'il Cunsill jeŭ le chif ŭiegħdu f'il programm tagħhom. Il ġażżra hi imħabbla seŭ-ŭa għaliex minn cull fejn takta joħroġ id-demm u għalhecc kabel ma ŭieħed jakta darba jinħtieġ li jkisha mitt darba biex ma ncomplux ingħarrku il gid ta'l pajjis.

Għaldakstant sejjer nirraġuna magħcom ftit l-affari bla partit ma' ħadd u nati il fehma tiegħi, għad li ftit tisŭa; iżda f'taħ-bila bħal din cull lakxa tirfed l-imramma u bħala lakxa il fehma tiegħi tista tisŭa dejjem. Leŭŭelnett nibda biex ingħid li billi il Cunsilieri jitilku m'il Cunsill deni kbiss jista jcollu il pajjis u m'hux gid. Għad li hemm fuk kiegħdin *in minoranza* u għalhecc il Gvern jista jgħaddi dac collu li jrid u li jogħġbu iżda meta jcun hemm min ijċanfru jeŭ jiftaħlu għajnejh dejjem jagħmel xi ftit ta'l gid. Dac li jgħidu il Cunsilieri jistampa ruħu f'id-*Debates* u daŭna dejjem ijmorru kud-diem il Ministru u għalhecc dejjem jista jisma iż-żeŭġ knie-pen u jara li il Gvern m'hux dejjem għandu raġun f'dac li jgħid u f'dac li jsefsiflu. Billi il Cunsilieri jinżlu jgħajjtu bar-ra il chelma tagħhom, billi ma tcunx *uffiċjali*, il Ministru ma hux sejjer jati ŭiden għaliha; iżda jcollu jati xi ftit għal cliem-hom stampat f'id-*Debates* billi hu cliem *uffiċjali*. L-istess in-għidu għal petizzjonijiet li jagħmlu daŭna il Cunsilieri. Tgħad-di differenza cbira bejn meta il Ministru jirċievi petizzjoni m'il Cunsilieri bħala rappresentanti *uffiċjali* ta'l poplu, milli bħala cittadini *privati*, għaliex il Cunsill Popolari tagħna il Ministru ma hux sejjer ijgħoddu bħala ħaġa *uffiċjali*. Għal-dakstant għad li il Cunsilieri jcunu *in minoranza* f'il Cunsill dejjem jisŭa actar li jcunu hemm milli ma jcunux għa'x għal-lankas għandhom id-dritt li jitchellmu u jiccorrispondu *uffi-ċjalment* ma'l Ministru u dina hi tieka li ŭieħed ma għandux jagħlakha għaliex inchella nibkgħu tasseŭ f'id-dlam għal collox.

Illum il Cunsilieri li għandna, jecc jibkgħu f'il Cunsill, jcunu f'setgħa acbar billi il fehma tagħhom tintgħata fl-Ese-cuttiv u b'hecc jistgħu jfehmu lill Ministru ħafna ħŭejjeġ li kabel ma setgħux; u billi jcunu jafu il Gvern x'inhu jħaŭŭar f'il borma jcunu jistgħu jilkgħuh ma'l Ministru kabel tit-faċċar il ttira. Dana hu gid cbir ħafna u il posizzjoni ta'l Cunsilieri illum sejjra tcun ħafna aħjar minn kabel u għal-hecc għandhom ijgħożżuha actar.

Mela jidhirli jien li sa haŭna jakbel f'il fehma miegħi cull-ħadd, igifieri li meta il Cunsilieri jcunu hemm fuk u jcunu fl-Ese-cuttiv jistgħu jagħmlu actar gid lill pajjis milli meta jcunu barra. Min jirraġuna xort'oħra jcun kiegħed jagħmlu għal xi mibegħda contra xi ħadd m'il Cunsilieri li hemm jeŭ għaliex jakbillu jifhimha hecc.

Il qŭistjoni li tkanklet issa hi din li billi il Cunsilieri kalu li meta jcunu sguri li ma hemm l-ebda tama li nakilgħu xejn jitilku għandhomx mela jitilku issa jeŭ le?

Dina it-tama ma hix maktugħa għal collox għaliex il Ministru ma kalx li ma jista jcun KATT iżda biss kal li għal da'l mument taħ pariri cuntrarji. Mela għada jecc daŭc il pariri jakgħu u jidħlu pariri tajjba f'lochom jista jisseŭŭa collox bħal ma ġara meta l-eŭdel il Ministru bagħat Dispaċċ bħal dan stess u ŭara ftit xhur ta il Costituzzjoni ta'l 1887.

Mela dac id-Dispaċċ ma hux b'iż-żejjed biex jaktgħilna kalbna għal collox u ma għandux ijtellef lill Cunsilieri it-tama li ma nistgħu katt nakilgħu dac li kiegħdin nitħabtu għalih.

Jibka biss mela il ŭiegħda ta'l Cunsilieri li għamlu f'il programm. F'dina il ŭiegħda kalu li jitilku meta jcunu SGURI u SGURI għal issa ma jistgħux ijcunu billi dac id-Dispaċċ ma hux b'iż-żejjed biex jaktgħilhom klubhom b'iż-żejjed.

Hemm bżonn mela li jibkgħu hemm tuk, li jidħlu tnejn fl-Esecuttiv, jaraŭ x'pariri ta il Gvern tagħna lill Ministru biex ma tanhiex il maġġjoranza f'il Legislattiv, jiccumbattu daŭc il pariri b'corrispondenzi ma'l Ministru biex jaraŭ jistgħux ijbid dlulu il fehma ħażina li sefsiflu il Gvern tagħna u jecc ŭara li il Ministru jcun sama il kampiena tagħhom ucoll jibka sod f'il fehma tiegħu ta' issa, allura jcun ll ŭakt li jiddimettu irŭieħhom jecc ijridu jżommu il ŭiegħda ta'l programm tagħhom.

Għal issa jidhirli li jecc jitilku għal pica ta' dac li ŭiegħdu jagħmlu deni cbir lill pajjis; u jecc jitilku il poplu għandu jarġa jfittex li ijtellagħhom ħalli jaħdmu chif għidt jien. Jecc ma jaslux b'hecc allura jcun il ŭakt biex ŭieħed jixtarr id-dimissjoni u m'hux issa.

⁂

Ŭara li chien mictub u compost dana l-articolu krajt li il Cunsilieri iddicideŭ li ma jitilkux u ħadt pjacir li kbilt f'il fehma tiegħi magħhom u ma'l cotra ta'l intelligenti l-oħra. Biss jiena ħambakt ħafna biex, kabel jiddecidu x'għandhom jagħmlu fi tbixchila bħal din, jaraŭ x'inhi il fehma ta'l eletturi li tellgħuhom hemm fuk; għaliex billi il Cunsilieri jirrappresentaŭ il gid ta' daŭna, huma daŭna li għandhom jaraŭ jecc jakblilhomx li il Cunsilieri jibkgħu hemm fuk jeŭ le. Il fehma tiegħi intgħoġbot minn ħafna li ħadmu biex isseħħ tant li chienet ġa mitfehma seduta ta'l Cunsill-Popolari biex jistiednu il Cappillani, l-Istampa u l-eletturi collha ħalli daŭna jirraġunaŭ, bħal ma jagħmlu f'pajjisi oħra, x'inhu l-aħjar li jsir ħalli fuk daŭna il fehmiet il Cunsilieri jaraŭ liema hi l-aħjar triek li ŭieħed għandu jagħżel. Dana chien jorbot l-intelligenti collha ma' dŭar il Cunsilieri u daŭna chienu jicsbu fiduċja actar ma'l poplu billi chien jara b'għajnejh u jmiss b'idejh li għal Cunsilieri hu xorta ŭaħda li jibkgħu hemm fuk jeŭ jinżlu basta jimxu scond ix-xeŭka ta'l ta'l poplu. Dina is-seduta f'dakka ŭaħda taret il-arja bla ma għadna nafu seŭŭa il għaliex u id-decisjoni ta'l Cunsilieri bakgħet bażata fuk is-soltu *Consiglio di famiglia*.

Jiena ma irridx ingħid li ħasbu ħażin li ma telkux; biss irrid ingħid li jecc il Cunsilieri f'dac li jagħmlu ma jimxux fuk il parir ta'l cotra ta'l poplu iżda biss fuk il fehma ta' ftit intelligenti u ta'l partit tagħhom ma jistgħu katt ijcollhom dic il fiduċja collha li jinħtieġ li jgaŭdu m'il poplu collu; u l-egħdeŭŭa jcunu jistgħu jcantaŭ dejjem li hemm xi ħadd fost il Cunsilieri li żamm iebes ma' sħabu u daŭna ma'l partit u dana ma'l poplu biex ma jirrischjax li Alla ħares katt il poplu jfittillu jgħidlu li għandu jitlak.

Mela hemm bżonn li il fehma ta'l poplu jfittxuha u dejjem jecc ijridu li jibka jivvota għalihom dejjem.

# FRAC.

M'il Cunvent ta't-Teresjani ta' Birchircara ftit ilu m'il caxxa li hemm insterket xi lira. Il ħabriechi Spettur ta' dac ir-raħal, is-Sur Saliba, chellu ħila jakbad min serakha u kiegħed ijgħaddih compilazzjoni. Bravu! Dan l-Ispettur Saliba hu ŭieħed minn daŭc il membri ta'l Corp ta'l Pulizija li ħakkhom cull tifħir għal ħeġġa cbira li għandhom biex jakdu dmirhom seŭŭa; u li chiecu bħal dan chien hemm ħafna membri oħra il Pulizija li għandna chienet takdina ħafna aħjar.

★

Krajt bi pjacir cbir li f'il Liceo sejjra tiftaħ classi għa'xxebbiet biex jitgħallmu jictbu b'it-*Typewriter*. Barra minn Malta hemm l-eluf ta' xebbiet li jakilgħu x'jieclu minn dana ix-xogħol li hu tant addattat għa'n-nisa u għalhecc nitma li f'Malta ucoll ix-xebbiet tagħna jitkanklu biex jitgħallmu dana ix-xogħol sabiħ li jista jisŭielhom ħafna il kuddiem.

★

Chien hemm xi ħadd m'il membri ta'l Pulizija li tħanfes billi f'in-numru l-ieħor għedt, fuk dac li ippruvat il «*Gazzetta di Malta*» li il Corp ta'l Pulizija tagħna ma hux jakdi dmiru chif ijmissu; u xi ħadd minn daŭc li tħanfsu għandu raġun billi hemm bosta li jaħdmu actar milli jmisshom u bi ħrara l-actar cbira forsi biex ijpattu il għass u it-trascuraġni ta'l cotra. Meta jiena ingħid il Pulizija incun nifhem biss il cotra u m'hux il membri collha sa l-ankas ŭieħed, għaliex jiena cull jum nara min jakdi seŭŭa dmiru u b'ħeġġa cbira, iżda nara ħafna ucoll li ma jagħmlux ħag'oħra ħliet jixxalaŭ minn fuk spallejn il poplu.

Dina il Pulizija kiegħda tisŭielna ma't TLIETIN ELF LIRA f'is-sena u għalhecc il poplu għandu id-dritt collu li jitlob li il persuna tiegħu u ħŭejjġu jcunu imħarsa seŭŭa, f'il ŭakt li għidna li actar jibka serk ma' tul is-sena li ma' jinchixitx min għamlu milli jinchixfu il ħallelin, u dana hu dannu cbir għal pajjis. Fejn tibbrilla ħafna il pulizija hi f'il gŭerra kalila li tagħmel lill carrozzieri u l'in-nisa... .. u l-actar contra daŭn ta'l aħħar billi il Korti tmexmex minn fukhom ħafna liri f'il gimgħa; għad li b'dana ma tirbaħ xejn il morali billi jecc ŭaħda minnhom tokgħod f'il bieb tagħha tiddobba taħrica biex titla għal nofs ta' nhar sħiħ f'il curitur ta'l Korti u hemm tista tidher, titchellem u tinbex li min trid għaliex il-ligi hemm tħalliha tokgħod biex tistad il boloħ; fejn il-ligi ma tridhiex hu f'it-torok imŭarrba fejn jokogħdu huma.

Mela chiecu il Pulizija thabrec f'loc f'il caċċa biss għal daŭna il contravvenzjonijiet u contra il carrozzieri, li minnhom geŭ kuddiem is-Supraintendent ma's-seba mija f'is-sena li għaddiet biss, jidhirli li jirbaħ actar il poplu chiecu tfittex tnakkilu il ħallelin li haŭn jiġru ma's-sakajn f'ŭakt ta' għacs bħal dan; u b'hecc għallankas il ħafna eluf ta' liri li kiegħdin joħorġu cull sena m'il Caxxa ta' Malta ma jcunux ħiergin għal ħŭejjeġ ta' xejn. L-eŭŭel hemm bżonn li in-nakku l-oħxon u imbagħad l-irkiek. M'hux hecc?

★

In-Nutar Contin Ġanni Chappelle mar bl-offiċċju tiegħu fi Strada Forni, numru 185 D. il Belt.

★

Ftit granet ilu f'il Culleġġ ta' San Ġużepp ta' Ta's-Sliema chien hemm it-tkassim ta'l premji li għamlu l-Iskof stess, saru reciti ta' drammi u ta' poeżiji, bl-ingliż, b'it-taljan u b'il franciż u dakk ta'l pjanu li għoġbu lil cullħadd u dana

juri li is-Sorijiet ta' dac il Culleġġ jakdu dmirhom collu biex ijgħallmu tajjeb lil daŭc it-tfajliet li jerħulhom f 'idejhom.

★

Da'l ġranet ġiè f 'Malta biex ijgħaddi ftit żmien fostna l-Arciskof u Delegat Apostolicu ta'l Filippini, il malti Mons: Al Agius. Alla jseddku b'il ġhomor!

★

Nitolbu għa'r-ruħ ta' **Ġużè Spiteri** li miet f'Bormla f 'il bidu ta' dana ix-xahar. Alla jatih il mistrieħ ta' dejjem.

★

Għandu tort biex ijbiegħ il « *Malta Herald* » meta kal li ŭara id-Dispaċċ ta'l Ministru għandna naktgħu kalbna u nitilku collox. Le, il Ministru kal li ma taniex dac li tlabna għaliex chien inŭiddeb minn xi ħadd (forsi m'il Gvern ta' haŭn) biex ma jatihielniex. Jecc jidħlu iż-żeŭġ membri fl'Esecuttiv jistgħu jakraŭ x'raġunijiet bagħat il Gvern lill Ministru u huma jistgħu jibagħtu raġunijiet contrarji u jbiddlulu il fehma tiegħu. Barra minn dan ġara darb'oħra li ŭara Dispaċċ ieħor bħal dac ŭara ftit xhur klajna dac li conna tlabna. Jista ma jdumx ma jitbiddel il Ministru. Mela f 'loc li naktgħu kalbna għandna inkaŭŭuha iżjed u naħdmu actar b'il ħeġġa biex nuru għallankas li aħna ma aħniex irgiel bħal daŭc il carti ta'l-logħob li ma l-eŭŭel żiffa rieħ li tolkothom jakgħu għal ŭiċċhom biex ma jkumux iżjed. Le, incomplu b'il ħrara collha naħdmu u nitħabtu għal dac li jistħokkilna biex imkar jecc ma nakilgħu xejn uliedna jcunu jistgħu jbercuna u jgħidu li cull ma stajna nagħmlu għamilnieh sa l-aħħar u b'ħilitna collha.

Fejn għoġobni ħafna il *Malta Herald* hu meta faħħar lil Cunsilieri billi kal li ħadmu chemm felħu biex jecc ma giebux dac collu li tlabna giebu għallankas xi ħaġa tajjba u ta' gid cbir għal pajjis; għaliex ħadd ma jista jiċħad li dac li tana il Ministru fl-Esecuttiv u chif tahulna ma hux ta' gid cbir għalina.

Fuk il qŭestjoni jecc għandhomx tort jeŭ le il Cunsilieri talli ŭiegħdu li għandhom jinżlu m'il Cunsill jecc ijcollna risposta ħażina nifhem li tort cbir ma għandhomx għaliex l-egħdeŭŭa tagħhom giegħluhom jagħmlu dic il ŭiegħda, u li chiecu ma għamluha xejn, f 'dana il mument conna insibu irŭieħna ħafna aħjar billi chif għidna il Cunsilieri actar jistgħu jagħmlu xi gid meta jibkgħu hemm fuk, u l-actar issa chif inhu il Cunsill Esecuttiv, milli jinżlu jħambku isfel fejn leħinhom ma jcollu l-ebda setgħa ma'l Ministru.

★

L-Onor: F. Azzopardi tħaddet f 'il Cunsill fuk in-negozju li kiegħdin jagħmlu l-assistenti ta' xi schejjel ta'l Gvern fuk il cotba ta't-tfal. Dana m'hux seŭŭa għaliex huma ta' xogħlom jitħallsu u għalhecc sold kliegħ għandu jakilgħu ħaddieħor li kiegħed b'ħanutu miftuħ għal dac ix-xogħol. Nitma li dana in-negozju jinkata ma jdumx.

★

Il Gvernatur f'id-discors tiegħu ta'l Ftuħ ta'l Cunsill tħaddet fuk li f 'Malta sejjrin ijdaħħlu is-SISTEMA METRICU fl-użin bħal ma hemm f 'il biċċa il cbira ta'l pajjisi ta'l Europa. Dana hu ħafif u sabiħ ŭisk billi collox jitcattar jeŭ jitnakkas b'għaxra. Per esempju tibda m'il *gramm,* li jiżen xi ħmistax il granell u nofs ingliż, elf gramm jagħmlu *kilo,* (ratal u quart). F'il flus hemm iċ-*centesimu,* (ftit actar minn ħabba) u mitt centesimu jagħmlu *franc*; u *milligramm* hu l-elf part ta' gramm. L-Esperantisti jgħoddu il flus sabiħ ŭisk bl-ISPESMILOJ li cull ŭieħed minnhom jisŭa daks ġ'ox-xelini. Għaldakstant meta jitħaddtu u jiccorrispondu bejniethom ma jokogħdux jakilbu il flus ta' nazzjon f 'oħra, b'ħafna telf ta' żmien, iżda jsemmu l-*ispesmiloj* u jiftiehmu malajr.

# Aħbarijiet ta' Barra.

**Il bastiment Sta. Croce** kabat in-naħħa ta'l America iżda billi chien bnazzi cullħadd salva f 'il portijiet li chien hemm krib. M'il mija u għoxrin ruħ li chellu fuku ħadd ma intilef iżda il bastiment inħarak collu u għerek.

**Il « Corriere d'Italia »** għarraf li dac li kalu fuk il fatt li ġara fi Crespina fuk il bidŭi li beda jinbaħ għa'x ried li il chelb tiegħu jbus il Madonna, ma chien hemm xejn minnu u li il bidŭi jrid ijħarrec lil min kala dina ix-xniha.

**F'Maidstone** fl-Inghilterra, Annie Hubbard li tŭieldet għamja ħadet id-daŭl f 'dakka ŭara operazzjoni li għamlulha fl-Isptar ta' hemm. Chienet ilha għamja sitta u tlietin sena. Malli bdiet tara il-leŭnijiet ħaŭŭduha ŭisk billi katt ma chienet rathom kabel, u bosta ħŭejjeġ ucoll li kabel setgħet titħimhom iżda li katt ma chienet rathom bħal ma hu żiemel jiġri għad li kabel chienet rathom beżżgħuha u chienet ricbet chemm il darba f 'carrozza chienet taf li chien kiegħed ijġerriha żiemel.

**It-tabib tedesc Emburg** sab li fl-ischejjel ta'l Germanja joktlu irŭieħhom b'idejhom ma'l ħamsin tifel f 'is-sena, collha taħt il ħmistax il sena; u daŭna jeŭ għa'x t. ŭ irŭieħhom għa'x-xorb, jeŭ għal-logħob, jeŭ għal kari ħażin jeŭ għaliex sfursaŭhom fl-istudju contra kalbhom. Dina hi piaga cherha ħafna u kiegħdin jatu casha seŭŭa billi l'it-tfal ijgħallmuhom m'hux biss jakraŭ u jictbu iżda li jaħsbu seŭŭa u li jġarrbu il għaŭġ ta'l ħajja b'il ħila collha li tinħtieġ.

**F'San Paŭlo,** fl-America t'Isfel, ŭieħed anarchicu tafa bomba ta'd-dinamite ġo ħanut ta' ŭieħed tedesc li hu kiegħed f 'nofs il belt. Dana ħa in-nar seŭŭa u kabbad id-djar ta' ma dŭaru u jifhmu li saret ħsara cbira ŭisk. Mejjtin s'issa ma jafux li hemm.

**F'il Balticu** għamlet burraxca cbira li għarrket tmintax il dgħajjsa u intilfu sebgħa u tlietin ruħ.

**Id-Deputat Gauthier** għamel, f 'il Parlament Franciż, taħdita sabiħa ħafna li fiha ŭera m'hux biss li in-nies fi Franza kiegħdin jonksu cull sena f 'loc li jiżdiedu, iżda li dana kiegħed jiġri l-actar fejn fi Franza nakas l'iżjed it-tŭemmin u il kima lejn ir-Reliġjon, billi cull min ijcun bgħid mn'Alla ma tigiehx tant rekka li jagħmel certi ħŭejjeġ.

Dana ŭera li fl'1872 tŭieldu, fi Franza, 960,000; fl-1902 tŭieldu biss 846,000 u fl-1905 807,000 ruħ. Is-sena l-oħra tŭieldu actar milli mietu fi Franza 37,000 ruħ biss; fl'Inghilterra 400,000; fl-Austrija 528,000; fl-Italja 587,000 u f 'il Germanja 862,000. Mela Franża kiegħda titlef minn erba sa ħames mitt elf ruħ f 'is-sena, li jistgħu jgħammru belt ġdida u m'il cbar. Dana b'il mod kiegħed jiffjacca lil Franza seŭŭa kuddiem in-nazzjonijiet l-oħra; u jecc dana il gŭaj ijdum għal ħamsin sena oħra ma jcunx hemm min jaħdem actar l-art ta' Franza u għalhecc tiftakar għal collox.

U ippruvalhom b'in-numri f 'idu li dana hu gejj m'in-nukkas ta'l morali u m'il cotran ta'x-xorb, u l-actar ta'l *absinthe*, li jeżistu f'dic l-art li dejjem chienet magħduda bħala ŭaħda m'il actar għonja ta'd-dinja. Il President ta'l Camra kallu li ħadu ġa ħsieb dina il qŭistjoni tant importanti u li kiegħdin jagħmlu chemm jistgħu biex ijfejjku dina il gerħa cherha li ŭakgħet fuk Franza.

Id-Deputat Gauthier spiċċa biex temm id-discors sabiħ tiegħu billi semma daŭc il chelmiet tant ta' min ijtehimhom ta'l cbir Roosevelt:— « li hi iccundannata għal meŭt dic innazzjon li fiha l-irgiel ma jridux ijmorru għal gŭerra u in-nisa ma jridux tfal » u kal seŭŭa.

# Boghod minn Malta.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

Jecc ma tcunux sejjrin għal vjaġġ tùil ùisk ħudu biss il bagolli li tistgħu iġġorru magħcom bla ma tħallsu xejn; għaliex jecc tieħdu bagolli cbar m'hux biss tħallsulhom ħafna flus iżda titilfu is-sabar tagħcom biex tokogħdu ta' cull darba tirregistraùhom u biex tircevuhom meta ma jaslux xi ġurnata ùrajcom u jcollcom tokogħdu tistenneùhom. Fi Franza ùieħed jista jġorr miegħu bla ħlas sa tlietin kilo (66 libbra) b'xejn.

Għad li fi Franza hemm f 'il flus is-Sistema Decimali igifieri li għaxar centesimi jagħmlu biċċa li tisùa daks sold tagħna, u mitt centesimu jagħmlu franc, il poplu għadu jgħodd bi's-soldi (*sous*): biss okogħdu attenti li is-*sou* franciż jisùa daks sitt-ħabbiet tagħna u għalhecc meta jitolbucom ta' ħaġa għaxar *sous* (soldi) ma jcunux talbucom ħlief ħames soldi tagħna biss. Il flus ta'd-deħeb ta'l Belġju, ta'l Isvizzera, ta'l Italja u ta'l Greċja jieħduhom b'il prezz li huma u l-istess il flus ta'l fidda barra m'il flus ta'l Isvizzera li fihom mara b'il kiegħda għaliex titilfu minnhom; u il flus taljani u spanjoli, barra m'il biċċa ta' ħames franchi taljana, titilfu minnhom ucoll biex jieħduhomlcom.

Il passaport ma hux meħtieġ fi Franza iżda jecc ùieħed jieħdu miegħu ma jagħmel xejn ħazin billi jecc ùieħed ijsib ruħu f 'xi gażiba jcun jista juri min hu u jmur għand il Conslu Ingliż biex jakbeż għalieh.

Ifthu għajnejncom li ma tieħdux xi ritratt jeù xi disinn ta' xi fortizza jeù ħdejha għaliex tistgħu tidħlu f 'xi mbarazz cbir sa turu li ma inthomx spjuni ta' xi nazzjon oħra.

Biex f 'id-Dùana tgħaddu lixx la tieħdux fukcom sigarri, tabacc jeù solfarini għaliex huma il ħùejjeġ li l-actar ifittxulcom. It-tabacc ijħallas minn 6 sa għaxar xelini u is-sigarri 13 il xelin dazju f 'il-libbra. L-aħjar meta jcollcom xi tabacc jeù sigarri *iddichjaraùh* igifieri tchellmu bih m'il eùùel. Ftacru li meta tidħlu fl-ibliet jecc ijcollcom ħùejjeġ ta'l ichel ijridu jħallsu taxxa żgħira li jsejjħulha « *octroi* » u li għandhom id-dritt ijfittxulcom f 'il bagolli.

Min jivvjaġġa fi Franza t-Istel f 'is-sajf ma jieħux tant pjacir għaliex tagħmel sħana kaùùija ùisk; f 'ix-xitùa hu ħafna aħjar għal min ma jagħmillux deni il baħar għaliex Golf Il-jun dejjem ijbażża lil baħrin stess għal killa tiegħu.

Jecc trid imbagħad tivvjaġġa seùùa ixtri xi ħmistax kabel *gùida* tajjba ta'l pajjis fejn trid tmur u immarca fuk librett it-triek li trid tagħmel, il bliet li trid tara, x'hemm x'ùieħed jara sabiħ fihom, il lucandi, il prezzijiet u ħùejjeġ bħal daùn. Fuk il-lucandi staksi kabel lil xi ħadd li jcun ivvjaġġa f 'daùc il bliet.

La tivjaġġaù katt b'il-lejl: tonfku ħafna flus u ma torkdux tajjeb. Jecc ma tcunux imgħaġġlin ivvjaġġaù classi inkas u dac li tiffrancaù m'il vapur-ta'l-art onfkuh f 'il-lucandi u torkdu f 'is-sodda b'il cumdità collha. Jiena cont nitlak f 'il għodu f 'x'is-sebgħa u nofs jeù it-tmienja u l-eùùel belt li nasal għal ħabta ta' nofsinhar jeù is-siegħa ninżel, immur il-lucanda, niecol f '*restorant*, indur daùra ùara nofsinhar b'it-*tram* biex nati dakka ta' għajn lill belt u ùara li norkod tajjeb f 'lucanda l-agħda f 'il għodu narġa nagħmel b'il vapur-ta'l-art xi ħames siegħat oħra. Meta tivvjaġġa f 'il kasir billi tmur f 'it-*terza* jeù *seconda* ma tbati xejn u dac li tiffranca tħallas bih f 'il ùisa l-irkad u l-ichel f 'il-lucandi.

(*Jissocta.*)

# Għa'n - Nisa.

**L-Armla** għandha iżżomm il vistu għal żeùgħa għal sentejn sħaħ, u il faxxa seùda ta' rasha ma għandhiex tneħħiha minn rasha kabel sena u ġurnata.

**Meta tagħmlu il crema** jeù xi budina li fiha jidħol il ħalib daùna cull tant jagħkdu għokod, għokod. Biex ma jiġrilcomx dan ùara li issaħnu seùùa il ħalib niżżluh minn fuk in-nar u ħalluh jicsaħ u imbagħad ħalltu il bajd imħabbat miegħu.

**Min ijcollu ix-xagħar** ta' xfar għajnejh żgħir u jrid ijtaùùlu biex ijcun isbaħ għandu jxarrbu f 'abjad ta' bajda imħabbta tajjeb f 'żeùġ imgħaret ilma u jara chif jirnexxi f 'kasir żmien.

**Meta tixùu il ħobż** kabel tifirxu fuku il butir xarrbu ftit b'il ħalib sħun in-naħħa fejn tcunu tridu tkiegħdu il butir u imbagħad ifirxu il butir u taraù chif m'hux biss tiffrancaù m'il butir iżda tieclu ħaġa ùisk aħjar.

**Meta tgħallu l-imcatar** u il fradal bojod ta't-tfal dejjem kiegħdu żeùġ roti minn lumija f 'il misħun u taraù chif ijmorru actar malajr it-tbajja u chif jiġucom actar bojod.

**Meta jcollcom xi biċċa ġobon niexfa** f 'loc li tarmuha għamlu hecc: ħoccuha u agħġnuha tajjeb, b'tarf ta' sicchina, fi platt, ma' ftit butir u żidu ma' collox ftit bżar. Jecc tifirxu ftit minnu bejn żeùġ crustini ħobż ijcollcom bħal sandùiċ tajjeb ħafna jeù jecc terfgħuh f 'chiccra tcunu tistgħu tħoccuh fuk il għagin bħal ġobon l-ieħor.

**Cull min ijsajjar** b'il faħam u jrid jiffranca, għandu jagħmel hecc: jieħu il frac ta'l faħam u jfarrcu; jieħu daksu tafal u dakshom it-tnejn ramel, jagħġinhom balal, balal u jħallihom jinxfu. Meta tcun chebbist in-nar itfa f'nofs il chenun ùaħda jeù tnejn minn da'l balal u tara chif tieħu ħafna sħana b'irħis.

**Meta jcollcom xi budina** u tridu terfgħuha għal xi żmien bla ma tinxfilcom agħilku magħha angasa jeù tnejn ma tantx misjura u taraù chif il *cake* jibka frisc.

**Meta il chiccri ta't-te** jittebbgħulcom ħoccuhom tajjeb b'il melħ u ùara li jmorru id-tbajja laħilħuhom seùùa.

**Jecc xi darba** timxu kalb il ħaxix u ittebbgħu id-dublett ta' taħt bl-aħdar la taħsluhx b'is-sapun jeù b'il misħun iżda biss bl-ilma ùaħdu chiesaħ.

**Meta tagħmlu il-laħam ta'ċ-ċanga brodu** jitlef il qùart ta'l pis tiegħu u meta tixùuh jitlef iżjed; u il-laħam ta'l muntun jitlef actar minnhom. Għaldakstant f 'loc *roast-beef* aħjar tagħmlu pastizz ta'l laħam għaliex m'hux biss ma titilfu xejn iżda jsostni iżjed.

**Meta jcollcom xi armarju** li jgħarrkilcom bl'umdità cull ma tkiegħdu fih poġġu ġo fih platt fond mimli b'il gir vrġni u dana jixrob hu l-umdità collha. Cull tant, meta taraù il gir inħall, biddluh.

**Meta tieclu xi icla seùùa** u tħossu l-istoncu tagħcom mimli u tibżgħu li takbadcom xi indigestjoni agħsru lumija frisca f 'tazza ilma m'il vit, ixorbuha u dina tmixxilcom collox.

**F'il clamar itfgħu pinna** ta'l azzar ħażina biex tixrob hi l-acidu li jcun fiha il-linca u taraù chif il pinni li tictbu bihom ijservucom actar m'is-soltu.

Lucija Levanzin Inglott.

# IL FAMILJI MALTIN.

(*Jissóctaŭ minn numru ta' kabel.*)

## L-Avucat BARTILMEU ABELA.

Scond ma jgħarrafna l-Avucat Mifsud f'il « *Biblioteca Maltese* » tiegħu dana Bartilmeŭ, jeŭ chif chienu jsejjħulu oħrajn Gulielmu, Abela, chien l-akŭa criminalista ta'l pajjis fi żmienu; u għaldakstant fl-1563, scond ma jgħarrafna il Patri Salelles fl-opra tiegħu fuk l-Inghisizzjoni f'Malta, l-Inghizitur ta' dic il ħabta ħatru bħala Procuratur Fiscal għal ħila cbira tiegħu; u għalhecc il Gran Mastru Verdala ġagħlu jseŭŭi u jgedded il-ligijiet li chien hemm; ħaġa li l-Avucat Abela għamel tant tajjeb li kala it-tifħir ta' cullħadd.

F'dina it-tisŭija ta'l Prammatichi chien hemm imdaħħlin ucoll Monsinjur Ġorġ Giampieri, avucat malti (għad liimnissel minn gidd rodjott) u Priur ta'l Cnisja Conventŭali ta' San Ġŭann; il Balliju ta'n-Negropont, Fra Rajmondu Fortuin, il Lŭogotenent ta'l Ospitaliera; Fra Nicol Sciortino, u l-Avucati maltin Dovic Platamone, Ġanni Calli u Ġann-Duminc Vella.

Lil dana l-Avucat Abela faħħruh ħafna il Patri Pelaġju f'il « *Cronologia degli Uomini Illustri Maltesi,* » il Canoncu Costanzo f'in-« *Notizie Memorabili di Malta* » u il Commendatur Abela f'il « *Malta Illustrata* » tiegħu.

(*Jissocta.*)

# TLAKKIT.

**Il Professur Jung** ta' Zurico u Paterson ta' Nuova York ivvintaŭ macna biex biha jcunu jafu jecc il bniedem ijcunx kiegħed jigdeb jeŭ le. Ijkiegħdulu id ŭaħda fuk iz-żingu u l-oħra fuk il faħam ta' pila elettrica, u daŭna jgħakkduhom ma' arloġġ li jimmarca chemm tcun kaŭŭija l-elettricità li tcun għaddejja minn gisem dac il bniedem. Dan l-arloġġ ijgħakkduh imbagħad ma' lampa elettrica li tkaŭŭi id-daŭl tagħha jeŭ tnakksu scond il kaŭŭa ta'l elettricità li tcun għaddejja. Meta il bniedem ma jcunx ijrid ijgħid is-seŭŭa jisforza biex jaħbi dac li għandu ġo fih u b'hecc il kaŭŭa ta'l current elettricu tiżdied u il vampa ta'l-lampa elettrica titla. Jecc il bniedem ma jcunx kiegħed jisforza biex ma jaħbi xejn, ijfisser li ma jcunx kiegħed jigdeb u għalhecc il vampa ta'l-lampa elettrica tibka chif tcun. Jecc tirnexxi din il macna tcun ta' gid cbir għaliex imbagħad tasseŭ incunu nistgħu ingħidu li il għideb għomru kasir.

**Il ħŭejjeġ** ilhom jillamtaŭhom ma't-tliet mitt sena u dana l-użu beda hecc. Ir-Regina ta'l Inghilterra Elisabbetta chienet mara mogħtija għal cull fruħa ta'd-dinja u l-actar għall-lussu f'ilbies; chienet tbiddel libsa ġdida cull jum u tilbisha għal darba biss! Iżda b'daks hecc katt ma setgħet taħbi seŭŭa l-egħlubija cbira tagħha u fuk hecc chienet tinchedd ħafna. Darba mara ta' cuċċier minn ta'l palazz ta'r-Regina, li chienet olandisa u li chien cunjomha Guilheem fettlilha illamtat il ħŭejjeġ u meta rathom geŭ ebsin ħafna ŭebblet l'ir-Regina biex taħbi l-eghlubija ta' sidirha b'dana ir-rimedju, u lil dina l-affari għoġbitha tasseŭ, u għalhecc laħħkitha spittura ta'l bjancherija ta'l Korti. Dina il moda li bdiet ir-Regina ixxerrdet malajr bħal leħħa ta' berka m'hux biss fost id-dami ta'l Korti iżda fost in-nisa l-oħra ucoll. F'Londra malajr nibtu ħafna « professuri » biex ijgħallmu is-sengħa ta'l mogħdija, u certa fjamminga Dinghen van der Plasse biex tgħallem il mogħdija ta'l ħŭejjeġ b'il lamtu chienet tieħu ħames liri sterlini ta' cull lezzjoni. Ŭara bdeŭ ijżidu ma'l lamtu il *blue* li ma hux ħlief il-leŭn li jieħdu m'il indigo; iżda billi ir-Regina Elisabetta sabet li dana il-leŭn caħlani jitfa fuk il ŭardiet ta'l ŭiċċ bħal dell scur, ħarget proclama biex ipprojbiet li f'is-saltna tagħha ħadd ma jista jħallat ma'l-lamtu dac il-leŭn blue. Dana sibnih mictub f'il *Modern Society.*

**F'il** « **Westminster Gazette** » nakraŭ li il Baronett ingliż R.J. Strutt, bin il famus xjenzjat Lord Rayleigh ivvinta arloġġ li nistgħu ingħidu li bih sab il *motu perpetŭu* billi għandu jdum jaħdem, bla bżonn li jatuh il ħabel, għal *għaxar t'elef sena.*

Dana l-arloġġ f'loc molla ta'l azzar bħal l-arloġġi l-oħra fih farca radju tħaddem u għandha tibka tħaddem l-arloġġ għa'ż-żmien li għedna. Cull minuta dina il farca radju tħaddem iż-żeŭġ bċejjeċ alluminju li fih l-arloġġ u daŭna jdokku kanpiena żgħira. Dana ir-radju li sabu ma ilhux il għaref xjenzjat Currie kiegħed jagħmel ħŭejjeġ ta'l għageb tasseŭ.

**It-Torpedo** ivvintah Lŭigi Brennan, ingliż. Dana meta chien għadu żagħżuħ mar l-Aŭstralja fejn daħal bħala lavrant f'ħanut f'Melbourne. Darba lil sid il ħanut bagħtulu m'il Inghilterra ħafna arloġġi li billi chien il maltemp seŭŭa sa ŭaslu tista tgħid li tħassru collha. Sid il ħanut ma għarafx fejn jati rasu u għalhecc Brennan, biex ijsabbru, għad li ma chienx ta's-sengħa, midd għonku hu biex ijseŭŭihom u irnexxielu. B'hecc intebaħ li chien jinkala għal dic is-sengħa u għalhecc baka ijħabbel rasu fukha sa chemm ivvinta it-torpedo li bieħ lill Gvern Ingliż b'mija u għoxrin elf lira. Ilum raġa beda jissemma billi ivvinta vapur-ta'l-art li jimxi b'rota ŭaħda fuk ħadid ŭieħed u li ġa bdeŭ jużaŭh f'ħafna pajjisi.

**F'Londra** hemm ŭaħda m'il acbar ġabriet ta' annimali f'il Ġnien Zoologicu ta' hemm; u għandhom fih tant annimali rari u li tant jibżgħu għalihom li saħansitra daŭn l-annimali għandhom oculista għalihom li hu it-Tabib Lindsay Johnson. Dana jeżamina spiss iljuni, tigri, iljunfanti u annimali oħra; u dan l-aħħar neħħa catarratta minn għajnejn ċaŭlun b'sengħa tant cbira li dana beda jara minnufih. Darba xtraŭ għal dan il Ġnien annimal rari li jismu puma u li kabel chien għand ŭieħed ta'l cummiedja u li chien għallmu jissara b'il ponnijiet. Meta it-Tabib Lindsay mar biex jeżaminalu għajnejh dana il puma ħaseb li mar biex jissara miegħu u għalhecc beda jŭaħħallu b'il ponn fuk ŭiċċu chemm jiflaħ b'beżgħa cbira ta't-tabib li semmejna.

**Meta ŭieħed jakra** jlaħħak ma'l erba mitt chelma cull minuta. It-Tit-bits għandu macna li tlesti minn collox erba mitt copja ucoll ta' dina il gazzetta cull minuta; igifieri li għal cull chelma li jakra bniedem tistampa ruħha u titlesta minn collox copja ta't-Tit-Bits.

**Krajna** f'gazzetta ingliża illi ftit ilu, chelb miet b'il għali għaliex sidu mar jokgħod f'pajjis ieħor u ħallih ŭarajh. Tasseŭ li il clieb jafu jħobbu ferm!

**Fi żmien ir-Regina Elisabbetta** cull min fl-Inghilterra chien ijrid ijżomm il-leħja chien ijrid ijħallas tagħha taxxa ta' żeŭġ scudi f'is-sena. Min jaf jecc il Gvern ħanin li għandna ma'l ħafna taxxi żgħar li kiegħed ijŭicchilna għadx ijfettillu li ijŭaħħlilna xi taxxa minn dina il għamla ucoll?

**F'in Nova Gŭinea** l-irgiel jaraŭha ħaġa baxxa li jħarsu biss lejn mara. Biex jiżżeŭŭġuha jcollha tigri hi ŭara ir-ragel u iżżiegħel bih, billi tati biċċa żagarella lil ommu jeŭ lil oħtu u

nitolboc biss żeŭġ ħŭejjeġ... la titlaknix ŭaħdi sa immut... u... jecc jilħak... jigi f 'id-dinja... ħobb lilu f 'lochi... akbeż għalih int...» u reġgħet infexxet f 'bichja li tislet id-dmugħ sa mi'l klub l-actar jebsin.

Ħamid għamel idu fuk kalbu u kallha :—

—« Naħlifulec... dac li tixtiek ijseħħ imkar naf li inċarċar sa l-aħħar katra ta' demmi... jiena ma inħiex ħlief ħaġa tiegħec... »

—« Naf, naf » kabżet kaltlu Carmena « ma nafx biss chif sejjra inħallsec ta' dina il gibda tiegħec hecc cbira lejja... jiena illum ninsab f 'id-dinja iltima... u mibgħuda minn cullħadd... sa dac li għalih ħrakt ruħi u tabbajt gieħi... telakni... » u batticata sogħla kaŭŭija oħra għejjietha u gegħlitha isserraħ rasha, li chienet ticŭi bħal ġamra nar, fuk l-imħadda għal ftit ħin.

Ħamid ħeba ŭiċċu bejn idejh, min fuk xifer is-sodda u kagħad ijdemma, l-ugiegħ cbir ta' kalbu ħdejha.

Sada't-tant chien dalam b'ommu u missieru, u għalchemm ma chienitx nieżla xita iżda il bard chien kieraħ u ir-rieħ chien kiegħed ijvenven ġmielu m'ix-xkuk ta'l bieb u ta't-tieka. Fatma ġabret it-tfal minn barra fejn chienu jitliegħbu u ressket lil Carmena ftit brodu tajjeb li chienu għamlu b'il flus li chellu Ħamid u li chien taħ kabel il Cavalier. Ħamid kam fuk riġlejh, ħa hu l-iscutella mn'idejn Fatma, għien bi driegħu l-ieħor lil Carmena biex refgħet rasha u ŭara li talabha b'il ħrara collha li ma tincheddx iż-żejjed u li ma tieħux il ħŭejjeġ bi cbar hecc, ħajjarha tixorbu.

Meta raġa ŭieżnilha rasha għal fuk l-imħadda Carmena gibditu mn'idu u kaltlu :—

—« Ħamid, fejn għamiltli ħafna gid ħenn għalija f 'ħaġa oħra... Li ngħix ftit għandi chedda... ŭara dac collu li għadda minn għalija... izda id-dnub cbir li għamilt kiegħed ijbeżżagħni... le, ruħi ma'r-ridx nitlifha għal dejjem... »

—« Ġa fhimtec » kabeż kallha Ħamid, dejjem ferħan meta jista jisŭielha xi gid, « jecc trid ħin bla ŭakt immurlec għal Patri Damjan... m'hux għa'x int ħażin... iżda biex tcheċċi dina il għomma minn fuk kalbec... trid ?... »

—« Iżda kabel cul xi ħaġa u strieħ ftit... » kaltlu Carmena b'il ħleŭŭa x'ħin b'idha mellsitlu ix-xagħar imgigħed u tuti li chellu; « mischin, il-lejl l-ieħor ma għalaktx għajnejc u illum ilec ġurnata sħiħa tiġri u tinchedd... »

—« Ħallic minni... jiena imdorri... u ħaŭn ma ħaŭnx lankas fejn norkod... jiena sejjer nakdic u ħsiebi la tieħu xejn għaliex fejn indabbar rasi insib sgur... » kal Ħamid f 'il ħin li ħejja ruħu biex joħroġ.

Fatma żammitu u rieditu jixrob ftit brodu ħalli jsaħħnu ftit għa'r-reżħa li chien sejjer jieħu. Carmena talbitu ucoll u għalhecc ħadu; rieduħ jiecol xi ħaġa iżda kallhom li l-istoncu tiegħu mitbuk għal collox u ma riedx. Tafa il cabozza fuku, gibed il muntar fuk għajnejh, Carmena neŭŭlitlu idha biex biesha b'chemm chellu ħrara, taptap fuk spallet Fatma x'ħin bexxkitlu il bieb biex joħroġ u sgiċċa il barra, f 'il ħin li gibed lejn il Mosta biex jibka tiela ir-Rabat għal Patri Damjan.

Fatma bakgħet iddur b'Carmena u issabbarha m'il aħjar li setgħet f 'il ħin li bdiet tkiegħdilha bċejjeċ imxarrbin bl-ilma u il ħall biex ittaffilha l-ugiegħ ta' rasha li chienet ticŭi daks in-nar u tħabbat bħal tanbur.

*(Jissocta.)*


## BONI TA'L CONGO 1888.

B'IL PREMJU U L-IMGHAX HAMSA F'IL MIJA; li jistgħu jittieħdu b'il ħlas ta' tant f 'ix-xahar. Il premji jitilgħu sitt darbiet f 'is-sena :— fi Frar, f 'April, f 'Ġunju, f 'Aŭŭissu, f 'Ottubru u f 'Dicembru, u fl-istess ħin, sa chemm jitla in-numru tagħcom tibkgħu tieħdu dejjem il ħamsa f 'il mija imgħax. Il premji il cbar huma sitt elef, erba t'elef, elfejn u tmien mitt lira barra minn 138 iżgħar u 4,000 rimborsi.

Daŭna il boni huma sbiħ ħafna għaliex jecc ma tirbaħx premji il capital żgħir li toħroġ jibka jiżdied bl-imgħax u b'hecc tcun kiegħed tagħmel l-aħjar negozju.

Min ijrid jaf xi ħaġa iżjed ijmur fi Strada Forni, 89 il Belt.

Min għandu xi **bolli użati** u l-actar ta' Malta biex ijbiegħhom jmur għand Barthelemy Pisani, il Belt, Strada Levante No. 150.

It-**Tabib Alessandro Geraldini** ta' Ruma kal li meta ordna il

## FERMENTIN

f 'id-diabete ħareġ dejjem cuntent; u kal ucoll li meta ŭieħed ijcun juża dina il medicina jcun jista fl-ichel jieħu ftit ta'l libertà iżjed; u għalhecc faħħru ħafna u irraccmandah ŭisk ŭara li studja x'gid tagħmel dina il medicina f 'id-diabete.

Mela għala min hu marid b'dina il marda ma jippruvahiex ?

Il Chirurgu-Dentista Alfonsu Urso resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Ġdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

Min hu marid bl-ANEMIJA (ħakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu



**L' ELIXIR**

## TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭħ fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

**267, STRADA REALE.**

## GHA'N = NERVUSI !

Meta thossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktugħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd joboghdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn ijcolloc dic il marda li jsejjħulha

**NEVRASTENIJA**

u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ li tagħmillec ħafna gid hi

## L=ANTINEVROTICU

TA'L

**Prof: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il aħjar tobba ta'l Italja. Timbiegħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

Min ijrid ijdaħħal il gas jixtri calamiti jeŭ kniepen elettrici u ijrid min ijŭaħħalhomlu jeŭ ijseŭŭihomlu seŭŭa u bi prezzijiet ħelŭin ijmur għand **Enricu Calleja**, 43 Sda. Sta. Lucia, il Belt.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?
Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbigħu f'il ħŭienet principali.
F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

**Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlakha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kieghdin l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa jumejn uara il bejgh ghandu jatic il flus, li jcunu dahlu f'idejc; u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur ghand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

## STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib ucoll ghal bejgh cull xorta ta' mobbli u fajjenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irhas tasseu.**

# Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI
TAD-DEHEB
GHAL
KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU
**JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL**
GHAND L'AGENTI F'MALTA




## C. CAMILLERI & SONS
## 50 STR. MERCANTI IL BELT




CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

BL. BY FORMOSA.

**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**